MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 01/2024-9**

**It-Tlieta, 2 ta' Lulju 2024**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba
Is-Sur Daniel Cordina
Dott. Marlene Cini
Is-Sur Mario Portelli
Is-Sur Nicky Saliba

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sur Nicky Saliba bħala l-aktar membru anzjan fi ħdan il-Kunsill.

01.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

01.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti.

01.2 Il-Ħatra tas-Sindku

Il-Kunsillier Nicky Saliba beda billi qal li hu ta unur għalih li qed jippresiedi l-ewwel laqgħa ta' din il-leġislatura.

Talab lis-Sur Baskal Saliba jekk kienx qed jaċċetta l-kariga ta' Sindku. Is-Sur Baskal Saliba ddikjara li kien qed jaċċetta l-kariga u għalhekk ffirma l-aċċettazzjoni ta' Sindku.

01.3 Il-Ħatra tal-Viċi Sindku

Talab lis-Sur Daniel Cordina jekk kienx qed jaċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku. Is-Sur Daniel Cordina ddikjara li kien qed jaċċetta l-kariga u għalhekk iffirma l-aċċettazzjoni ta' Viċi Sindku.

Il-Kunsillier Nicky Saliba ferħilhom li aċċettaw dawn il-karigi u awguralhom ħidma tajba. Feraħ ukoll lill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini u l-Kunsiller Mario Portelli għall-ħidma tagħhom ukoll. Talab sabiex dan il-Kunsill jimxi b'mod trasparenti u l-membri ma jħallux nies minn barra jindaħlu fit-tmexxija. Qal li bħala membri għandhom jisimgħu imma ma jħallux indħil. Talab lis-Sindku l-ġdid is-Sur Baskal Saliba sabiex ma jkunx hemm differenzi minħabba opinjonijiet partiġjani. Talab sabiex ilkoll flimkien itellgħu l-istemma tal-Kunsill sabiex issaltan l-għaqda.

Għalaq billi rringrazzja lis-Sna. Sandra Grech tas-sehem tagħha fi ħdan il-Kunsill u rringrazzja wkoll lil Dott. Marlene Cini għax xogħol siewi li għamlet meta kienet tokkupa l-kariga ta' Sindku.
Awgura lil membri kollha l-ħidma t-tajba.

01.4 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fil-4.15 ta' wara nofsinhar. Laqgħa oħra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 10 ta' Lulju 2024 fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

Nicky Saliba
Kunsillier

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv